# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

# ILLUM, il-Hamis 22 ta' Ġunju, 2017

**Rik. Nru. 791/17JRM**

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 791/17 fl-ismijiet:

Joseph **ATTARD** u Vincenza Attard

vs

Mario **ATTARD**, Damian Attard u l-kumpannija Enemalta p.l.c.

## Il-Qorti:

Rat ir-Rikors imressaq fl-24 ta' Mejju, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti talbu li l-Qorti żżomm lill-intimati milli "jaċċedu, jeżerċitaw pussess jew detenzjoni, jew b'kull mod ieħor jidħlu fi kwalsijasi parti tal-proprjeta' tar-rikorrenti, u ċjoe' il-barriera fil-kuntrada msejħa '*ta' Kuttaf Gandolf*', limiti ta' l-Imqabba, bil-kejl ta' ċirka tlettax-il elf sitt mija u disgħa u għoxrin metru kwadru (13,629m$^2$) … u dan għal kwalsijasi raġuni, u senjatament sabiex jistallaw, iweħħlu jew jgħaddu komunikazzjonijiet ta' l-elettriku ma' dawk eżistenti u li jinsabu fil-proprjeta' tar-rikorrenti";

Rat id-degriet tagħha tal-24 ta' Mejju, 2017, li bih laqgħet it-talba b'mod provviżorju għall-finijiet tal-artikolu 875(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat in-notifika lill-intimati b'għaxart ijiem għat-tweġiba u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tat-8 ta' Ġunju, 2017;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati Attard fil-31 ta' Mejju, 2017, li biha laqgħu għat-talba tar-rikorrenti billi qalu li r-rikorrenti qegħdin jgħawġu l-fatti biex iqarrqu bil-Qorti. Wara li jsemmu sensiela ta' ċirkostanzi dwar il-kwestjonijiet li ilhom żmien għaddejjin bejnhom u r-rikorrenti saħansitra fil-Qorti, jisħqu li huma għandhom ukoll il-pussess tal-ambjenti fejn hemm il-kamra u għalhekk kellhom kull jedd li jidħlu għaliha. Jżidu jgħidu wkoll li, saħansitra f'kitba privata li kienet saret bejniethom, il-partijiet qablu li l-intimat Mario Attard iżomm l-imsemmija kamra sewwasew biex ikun jista' jieħu l-provvista tal-elettriku li kien hemm fiha. L-intimat Mario Attard ifisser kif, lejliet li ntalab il-ħruġ tal-Mandat, huwa ra lir-rikorrent jissalda l-bieb tal-kamra u jwaħħlilha katnazz mal-bieb tagħha li hu jistqarr li qalgħu bil-forza biex ikun jista' jingħata l-provvista tal-elettriku bit-twaħħil fiha ta' *meter* fuq ismu. Huma jilqgħu wkoll billi jgħidu li l-intimat Damian Attard ma għandu xejn x'jaqsam mal-kwestjoni u lanqas mat-talba li saret mal-Enemalta biex jitwassal is-servizz tal-elettriku fil-kamra. Jgħidu li t-talba għall-ħruġ tal-Mandat hi maħsuba biex tippreserva stat ta' fatt ta' *ragion fattasi* min-naħa tar-rikorrent. Għalhekk jissottomettu li t-talba ma jmisshiex tintlaqa';

Rat it-Tweġiba mressqa mill-kumpannija intimata Enemalta p.l.c. fl-1 ta' Ġunju, 2017, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra laqgħet għat-talba tar-rikorrenti billi qalet li r-rikorrenti ma jsemmu l-ebda dispożizzjoni tal-liġi biex issaħħaħ l-argumenti tagħhom. Iżżid tgħid li l-kwestjoni hija bejn ir-rikorrenti u l-intimati l-oħrajn u li hija ma għandha xejn x'taqsam mal-kwestjoni li għandhom bejniethom dwar min għandu jedd jaċċedi għall-kamra. Tiċħad li xi impjegat tagħha daħal fil-kamra jew wettaq xi għemil illegali biex jipprova jidħol fiha. Hija tgħid li jmissha tinħeles milli tibqa' f'din il-proċedura għaliex iddaħħlet għalxejn;

Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula minn rappreżentant tal-kumpannija intimata waqt is-smigħ tat-8 ta' Ġunju, 2017, għall-finijiet tal-artikolu 873(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet;

Rat il-provi dokumentali mressqin minnhom;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Ġunju, 2017, li bih ħalliet ir-rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Tqis li r-rikorrenti jridu jżommu lill-intimati milli b'xi mod jidħlu f'xi parti mill-ġid tagħhom biex b'xi mod jistallaw jew jgħaddu komunikazzjoni tas-servizz tal-elettriku ma' dak li l-istess rikorrenti diġa' għandhom fl-istess barriera;

Tqis li r-rikorrenti huma l-utilisti ta' art li tinsab fil-kontrada "*ta' Kuttaf Gandolf*"[1], fl-Imqabba, li tintuża bħala barriera tal-ġebla tal-franka (uffiċjalment magħrufa bħala Barriera Numru 41) u li fiha, fost l-oħrajn, hemm kamra[2] li fiha jinsab *meter* tal-elettriku li jipprovdi d-dawl lill-barriera mħaddma mir-rikorrent. Din il-kamra tiġi f'parti mill-barriera li, fi ftehim li kien abbozzat li jintlaħaq bejn ir-rikorrenti u l-intimat Mario Attard[3], kienet assenjata lir-rikorrent Joseph Attard[4];

Tqis li l-intimat Mario Attard għandu barriera li tmiss mal-barriera tar-rikorrenti u li, fi żmien, kienet tagħmel minn ġid wieħed f'idejn missierhom Nażżareno Attard, li kien ukoll daħal magħhom fi ftehim biex iċedilhom it-tħaddim tagħha[5];

Tqis li għal xi żmien, il-provvista tal-elettriku għall-barriera kienet intalbet u ddaħħlet fl-interess tal-aħwa Attard u mhux fl-interess tar-rikorrent waħdu[6] u kienu jinqdew biha lkoll[7]. Madankollu, wara li r-rikorrent u ħuh l-intimat Mario Attard qasmu fattwalment il-barriera bejniethom, l-*meter* tneħħa minħabba li ma sarx il-ħlas tal-kontijiet (l-intimat Mario Attard jgħid li kien ir-rikorrent ħuh li kien talab it-tneħħija tal-*meter* tad-dawl li kien fil-kamra) u, wara, ir-rikorrent talab u daħħal *meter* ieħor tad-dawl fl-

[1] Dok "A", f'paġġ. 3 sa 10 tal-atti
[2] Dok "B", f'paġ. 11 tal-atti
[3] Dok "CM1" f'paġġ. 25 – 7 tal-atti
[4] Dok "AS", f'paġ. 30 tal-atti
[5] Dok "MA1", f'paġġ. 21 – 3 tal-atti
[6] Ara Dokti "EM1" sa "EM3", f'paġġ. 49 sa 53 tal-atti
[7] Xhieda tar-rikorrent f'paġ. 66 tal-atti

istess kamra imma reġistrat fuqu waħdu u kien jinqeda bil-provvista hu biss[8];

Tqis li, minn dak iż-żmien, ir-rikorrent żamm il-kamra maqfula u seta' jidħol fiha hu biss (l-intimat Mario Attard jgħid li huwa wkoll kellu ċavetta[9] sakemm ir-rikorrent bidilha minn wara dahru);

Tqis li r-rikorrent jgħid li d-dħul għall-parti tal-barriera li qiegħed jaħdem hu jinsab imbarrat b'bieb tal-ħadid imsakkar u li d-dħul għall-kmara msemmija wkoll jinqafel b'serratura, firroll u katnazz[10];

Tqis li minn xi seba' (7) snin 'l hawn, l-intimat Attard kellu juża tagħmir biex jiġġenera l-elettriku biex iħaddem is-sehem tiegħu tal-barriera;

Tqis li l-intimat stqarr li, biex daħal fil-kamra, sgassa l-bieb u li l-għan kien biex l-għada jitwaħħal l-arloġġ tad-dawl[11];

Tqis li l-intimat Damian Attard jiġi iben l-intimat Mario Attard u dakinhar li r-rikorrent ra x'kien qiegħed jiġri u mar għamel rapport għand il-Pulizija fl-Għassa taż-Żurrieq (fit-23 ta' Mejju, 2017)[12], l-intimat Damian Attard kien fuq il-post flimkien mal-*electrician* li mar magħhom biex jara x'kien hemm fil-kamra;

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat[13];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi li l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[14]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-

---

[8] *Ibid.*, f'paġ. 68 tal-atti
[9] Xhieda tiegħu f'paġ. 72 tal-atti
[10] Xhieda tar-rikorrent, f'paġ. 65 tal-atti
[11] Xhieda tiegħu f'paġġ. 72 – 3 tal-atti
[12] Dok "JA1", f'paġġ. 58 – 62 tal-atti
[13] Art. 873(1) tal-Kap 12
[14] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)

Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[15];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[16]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li, b'żieda mal-elementi meħtieġa kif imsemmi qabel, f'każ li l-ħruġ tal-Mandat jintalab kontra l-Gvern jew kontra xi awtorita' pubblika mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, il-liġi[17] titlob ukoll li jintwera (a) li l-ħaġa li parti titlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq, u (b) li l-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-Mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma;

Tqis li, bid-dikjarazzjoni magħmula waqt l-ewwel smigħ minn rappreżentant tal-kumpannija intimata, l-ewwel l-element mit-tnejn li għadhom kemm issemmew għall-ħruġ tal-Mandat jinsab soddisfatt;

Tqis li t-tieni element huwa soddisfatt ukoll għaliex il-ħsara li jġarrbu r-rikorrenti li kieku l-arloġġ tad-dawl mitlub mill-intimat Mario Attard kellu jitwaħħal fil-kamra (li bħalissa tagħmel parti mill-ġid mogħti b'enfitewsi lir-rikorrenti) kontra r-rieda tar-rikorrenti, il-ħsara li jġarrbu tkun akbar mill-ħsara li l-kumpannija intimata ġġarrab li kieku kellha tinżamm milli twettaq it-talba li għamlilha l-intimat Mario Attard biex idaħħal l-arloġġ tad-dawl f'kamra li mhix tiegħu. Fuq kollox, l-istess kumpannija intimata

---

[15] Art. 875(3) tal-Kap 12
[16] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***
[17] Art. 873(3) tal-Kap 12

issottomettiet li hija ddaħħlet intortament fil-kwestjoni bejn l-aħwa Attard u ma kellha l-ebda ħsieb jew ħajra li tmur kontra xi ordni ta' din il-Qorti. Għalhekk dan l-element huwa soddisfatt ukoll;

Tqis illi, għal dak li jirrigwarda l-jeddijiet mad-daqqa t'għajn tagħhom, ir-rikorrenti jgħidu li dan jinbena fuq il-jeddijiet li kisbu bħala utilisti fuq l-art u l-benefikat li ttella' fuqha;

Tqis li, mad-daqqa ta' għajn, dan il-jedd joħroġ mit-titolu li bih fl-2013 ir-rikorrenti ngħataw l-art u kulma hemm fuqha b'titolu pubbliku. Minħabba li l-kamra fejn l-intimati jridu jwaħħlu l-arloġġ tagħmel parti mill-ġid miksub b'enfitewsi mir-rikorrenti, jidher ukoll *prima facie* li l-istess rikorrenti għandhom il-jedd li ma jħallux min jaqbad u jidħol fi ħwejjiġhom kontra r-rieda tagħhom;

Tqis ukoll li l-intimat ilu xi żmien mingħajr l-aċċess jew il-pussess tal-imsemmija kamra u li, biex seta' jsir dak li sar fit-23 ta' Mejju, 2017, kellu jisgassa l-bieb tal-kamra u juża l-forza;

Tqis li, għalhekk, ir-rikorrenti seħħilhom juru li għandhom jedd *prima facie* li jistħoqqlu l-ħarsien bil-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li l-ħtieġa għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa ma' l-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu[18], jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Dan jgħodd ukoll jekk kemm-il darba l-ħsara li tallega li qiegħda ġġarrab parti rikorrenti tkun tista' titneħħa għal kollox wara stħarriġ bħal dak fil-mertu wkoll quddiem organi ġudizzjarji[19];

Tqis li l-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat f'dan il-każ tirriżulta wkoll għaliex jekk kemm-il darba kellu jitwaħħal l-arloġġ tad-dawl fil-kamra tar-rikorrenti, mhux biss ser ikun irid jingħata aċċess lill-intimat għall-istess kamra, imma ser ikun qiegħed jingħata servizz minn awtorita' pubblika fi ħwejjeġ ir-rikorrenti u kontra r-rieda tagħhom. Dan ma jkun jista' bl-ebda mod jitreġġa' lura ħlief bil-kunsens tal-intimat bħala l-abbonat tas-servizz jew jekk l-istess servizz jinqata' minħabba nuqqas tal-intimat;

---

[18] P.A. AM **2.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe***

[19] Kumm. JDC **8.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Victor Mizzi vs Joseph Gasan et noe et***

Tqis li, għalhekk, ir-rikorrenti seħħilhom juru li jeżistu l-elementi kollha mitluba mil-liġi biex tintlaqa’ t-talba tagħhom għall-ħruġ tal-Mandat;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa’ t-talba** tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat minnhom mitlub; u

**Tordna** li l-intimati Attard iħallsu l-**ispejjeż tagħhom u tar-rikorrenti**, filwaqt li l-kumpannija intimata tħallas l-**ispejjeż tagħha**.

Mogħti kameralment illum, il-Hamis it-22 ta’ Ġunju, 2017.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**Carmen Scicluna,**
**Deputat Reġistratur**